Verżjoni Elettronika

MALTA

ATT Nru III tal-2024

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT li jemenda liġijiet varji dwar l-arrest u d-detenzjoni mill-pulizija ta' persuni suspettati li wettqu delitti serji.

ACT No. III of 2024

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend various laws relative to police arrest and detention of persons suspected of having committted serious crimes.

Verżjoni Elettronika

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

2 ta' Frar, 2024

ATT Nru III tal-2024

ATT li jemenda liġijiet varji dwar l-arrest u d-detenzjoni mill-pulizija ta' persuni suspettati li wettqu delitti serji.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2024 li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija. Titolu fil-qosor.

Taqsima I
Emenda għall-Kostituzzjoni

2. Din it-Taqsima temenda l-Kostituzzjoni u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni, hawn aktar 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "il-Kostituzzjoni". Emenda għall-Kostituzzjoni.

3. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, il-kliem "għall-proċeduri preliminari għall-kawża." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għall-proċeduri preliminari għall-kawża:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-proviso ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

Verżjoni Elettronika

"Iżda l-Parlament jista' b'liġi jipprovdi l-estensjoni, soġġetta għal salvagwardji proċedurali adegwati u għall-awtorizzazzjoni ta' Maġistrat, tal-perjodu ta' tmienja u erbgħin (48) siegħa li fih il-persuna arrestata jew detenuta għandha titressaq quddiem qorti, b'perjodu ieħor li ma jaqbiżx it-tmienja u erbgħin (48) siegħa oħra jekk il-persuna arrestata jew detenuta tkun raġonevolment suspettata li wettqet reat li jista' jwassal għal piena massima ta' aktar minn tnax-il (12) sena priġunerija.".

Taqsima II
Emenda għall-Kodiċi Kriminali

Emenda għall-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

4. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi Kriminali u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawn aktar 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi".

Emenda tal-artikolu 355AJ tal-Kodiċi.

5. Minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 355AJ tal-Kodiċi, għandhom jiġu miżjuda dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) fejn l-uffiċjal tal-pulizija li jagħmel l-arrest għandu raġunijiet biżżejjed sabiex jemmen li l-persuna arrestata wettqet delitt li jkun soġġett għal piena massima ta' aktar minn tnax-il (12) sena priġunerija u li l-kontinwazzjoni tal-arrest tal-persuna lil hinn minn tmienja u erbgħin (48) siegħa hija meħtieġa sabiex jinkisbu provi rilevanti jew sabiex jiġu ppreservati provi rilevanti, l-uffiċjal li jagħmel l-arrest jista', permezz ta' rikors, ikkonfermat b'ġurament u sostnut b'informazzjoni, jitlob Maġistrat sabiex joħroġ mandat li jawtorizza ż-żamma tal-persuna arrestata taħt detenzjoni ulterjuri:

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu:

"delitt li jkun soġġett għal piena massima ta' aktar minn tnax (12)-il sena priġunerija" tfisser delitt li jkun soġġett għal piena massima ta' aktar minn tnax (12)-il sena priġunerija mingħajr ma titqies ebda żieda fil-piena minħabba l-konkors ta' delitti u ta' pieni, iċ-ċirkostanzi aggravanti, l-aggravju tal-piena, ir-reċidiva jew in-natura kontinwata tad-delitt;

"informazzjoni" tfisser informazzjoni dwar:

(a) il-ħin tal-arrest u n-natura tad-delitt li għalih il-persuna taħt arrest ġiet arrestata;

(b) l-evidenza li fuqha dik il-persuna ġiet arrestata; u

Verżjoni Elettronika

(ċ) ir-raġunijiet speċjali għaliex wieħed jemmen li d-detenzjoni kontinwata ta' dik il-persuna hija meħtieġa;

"uffiċjal tal-pulizija li jagħmel l-arrest" u "uffiċjal li jagħmel l-arrest" ifissru uffiċjal tal-pulizija fi grad ta' Spettur jew ogħla li jkun inkarigat mill-investigazzjoni tal-persuna taħt arrest.

(5) Maġistrat ma għandux jilqa' talba ppreżentata skont is-subartikolu (4) sakemm:

(a) il-persuna arrestata ngħatat l-informazzjoni u tkun tressqet quddiem il-Maġistrat għal smigħ; u

(b) il-Maġistrat ikun sodisfatt li l-investigazzjoni qiegħda ssir b'diliġenza u b'ħeffa.

(6) Rikors għal mandat skont is-subartikolu (4) jista' jsir fi kwalunkwe ħin qabel l-iskadenza tal-ewwel sitta u tletin (36) siegħa mill-ħin tal-arrest jekk il-persuna tkun għadha taħt arrest.

(7) Fejn fuq rikors skont is-subartikolu (4) il-Maġistrat ma jkunx sodisfatt li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex wieħed jemmen li d-detenzjoni ulterjuri tal-persuna arrestata għal aktar minn tmienja u erbgħin (48) siegħa hi ġġustifikata, hu jista' jiċħad ir-rikors jew jiddifferixxi s-smigħ għal ħin ta' mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin (48) siegħa mill-ħin tal-arrest.

(8) Fejn il-Maġistrat ikun sodisfatt li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex wieħed jemmen li d-detenzjoni ulterjuri tal-persuna arrestata hi ġustifikata, hu għandu joħroġ mandat ta' detenzjoni ulterjuri għal dak il-perjodu li ma jaqbiżx tmienja u erbgħin (48) siegħa oħra hekk kif il-Maġistrat iqis xieraq.

(9) Persuna li tiġi meħlusa wara li mandat għal detenzjoni ulterjuri jkun inħareġ jew ikun skada fir-rigward tagħha, ma għandhiex tiġi arrestata mill-ġdid mingħajr mandat li għandu jinħareġ minn Maġistrat għar-reat li għalih kienet diġà arrestata sakemm, minn meta l-persuna tinħeles, ma jinstabux provi ġodda jew ikun sar eżami jew analiżi ta' provi eżistenti li ma setgħux raġonevolment isiru qabel ir-rilaxx tagħha.

(10)(a) Fis-smigħ miżmum għall-finijiet tas-subartikolu (4), il-persuna taħt arrest għandha jkollha d-dritt li tkun assistita minn avukat jew minn prokuratur legali u dak is-smigħ għandu:

(i) jinżamm bil-magħluq;

(ii) ikun soġġett għal dawk l-ordnijiet illi l-

Verżjoni Elettronika

Maġistrat jista' jagħti lill-persuni kollha preżenti f'dak is-smigħ sabiex tkun protetta l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni dwar l-investigazzjoni;

(iii) ikun sommarju b'mod illi b'kollox ma jinqabiżx il-perjodu tal-ewwel tmienja u erbgħin (48) siegħa kif provdut fis-subartikolu (3);

(iv) jintemm bid-digriet tal-Maġistrat li għandu jingħata fl-aħħar tas-smigħ.

(b) Id-deċiżjoni tal-Maġistrat mogħtija skont dan is-subartikolu ma għandhiex tkun soġġetta għal appell u għandha tkun eżegwibbli minnufih.".

Taqsima III
Emenda għall-Att dwar il-Pulizija

Emenda għall-Att dwar il-Pulizija. Kap. 164.

6. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Pulizija u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Pulizija, hawn aktar 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 64 tal-Att prinċipali.

7. Fil-paragrafu (a) tal-artikolu 64 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "ta' tmienja u erbgħin siegħa mill-arrest tagħha" għandu jiġi miżjud il-kliem:

", jew ta' dak il-perjodu ta' detenzjoni ulterjuri li jista' jkun ġie awtorizzat skont l-artikolu 355AJ tal-Kodiċi Kriminali,". Kap. 9.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 201 tat-30 ta' Jannar, 2024.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati